MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 138/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Aquilina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Aquilina talli fit-12 ta' Ottubru, 1994, ghall-habta ta' 9.30pm fi Triq is-Sebh, Qormi, saq vettura nru. W-7472

1 b'manjiera traskurata,
2 perikoluza,
3 b'giri aktar milli jmissu,
4 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma' vettura nru. J-1355 u involontarjament ikkagunalha hsara ghad-dannu ta' George Falzon,

5 kif ukoll fl-istess habta involuntarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Kenneth Falzon skond ma ccertifika Dr Anthony Gatt MD, u
6 offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Christopher Borg skond ma ccertifika l-istess tabib;

Il-Prosekuzzjoni talbet li Joseph Aquilina jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Joseph Aquilina hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu hamsin lira multa (Lm50) kif ukoll skwalifikatu mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur;

Rat it-talba, maghmula fl-istess gurnata li nghatat is-sentenza appellata, li permezz taghha l-imsemmi Joseph Aquilina talab is-sospenzjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza; rat ir-rikors ta’ appell tieghu prezentat fil-11 ta’ Lulju, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma, bazikament, tnejn. Fl-ewwel lok l-appellant jikkontendi li kien is-sewqan tax-xufier tal-vettura l-ohra – J-1355 – li kkaguna l-habta bil-konsegwenzi kollha derivanti minnha, mentri ma kien hemm xejn censurabbli fis-sewqan tieghu. Fit-tieni lok, jilmenta dwar il-piena, u senjatament dwar l-iskwalifika mill-licenzja tas-sewqan ghal tlett xhur.

Dan l-appell jirrigwarda incident awtomobilistiku li gara f’dik it-triq komunement imsejha “il-*bypass* tal-Imriehel”. L-incident gara sewwa sew fejn illum hemm it-*traffic lights* li jirregolaw it-traffiku gej u sejjer minn u fi tlett direzzjonijiet: H’Attard, Hal-Qormi u B’Kara (Mriehel).

Kemm l-appellant kif ukoll is-sewwieq tal-vettura l-ohra – Kenneth Falzon – jaqblu li huma kienu gejjin mid-direzzjoni ta' H'Attard sejrin lejn Hal-Qormi. It-tnejn jaqblu wkoll li kienu ghaddejjin b'velocita` gholja u li l-habta sehhet f'dik il-parti tat-triq li, ghal min ikun gej minn fejn kienu gejjin huma, tikser jew tilwi lejn il-lemin. Sa hawnhekk biss jidher li hemm qbil. Mill-provi mismugha mill-perit Dott. Simon Micallef Stafrace jirrizulta li Falzon kien qed isuq fuq ix-xellug tat-triq (fl-*inner lane*) mentri l-appellant kien fuq il-lemin tal-karreggjata (*outer lane*) (ara d-deposizzjoni ta' l-appellant tat-13 ta' Ottubru, 1994, fol. 45). Fir-rikors ta' appell tieghu, invece, l-appellant jghid li hu kien qed isuq <u>wara</u> l-vettura ta' Falzon – u allura ukoll fl-*inner lane* – u kien meta huwa gie biex jissorpassa, u allura hareg ghal go l-*outer lane*, li Falzon, bla ebda indikazzjoni ta' xejn, gibed wkoll lejn il-lemin, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u habat mal-vettura ta' l-appellant. Din il-verzjoni li l-appellant qed jaghti <u>issa</u>, cioe` fir-rikors ta' appell tieghu, tikkuntrasta ma' dik moghtija minnu quddiem l-imsemmi perit. In fatti fit-13 ta' Ottubru, 1994 l-appellant kien qal hekk dwar id-dinamika ta' l-incident:

**Il-Hyundai il-hamra** [ta' Falzon] **kienet niezla quddiemi <u>fuq ix-xellug</u>. Konna nezlin imcaqalqin. Rajtu beda jitlef il-kontroll, hassejt daqqa <u>waqt li kont qisni ser naqbzu</u> u naf li waqafna kif waqafna.** (fol. 45)

Meta, pero`, rega' xehed fit-12 ta' Jannar, 1995 (ara fol. 52), l-appellant kien qal hekk:

**Inzid nghid pero` illi hekk kif kont qed naqbez il-Hyundai hamra, <u>jidhirli illi lqattu zbrixjatura ftit qabel ma beda jitlef il-kontroll</u>.**

Falzon jghid li huwa intlaqat x'imkien fuq wara u kien ghalhekk li tilef il-kontroll tal-vettura.

A bazi ta' dawn il-provi, kienet legittima l-konkluzjoni ta' l-ewwel qorti li l-appellant kien responsabbli – anke jekk <u>mhux wahdu responsabbli</u> – ghall-incident li gara. B'zewg vetturi ghaddejin b'dik il-velocita` -- velocita` skonsiljata fil-kaz ta' liwja bhal dik li kienu waslu ghaliha -- l-appellant

wera nuqqas ta’ prudenza fis-sewqan meta ghazel proprju dik il-liwja biex jissorpassa lil Falzon. Sewwieq prudenti messu jaf li zewg vetturi ghaddejjin f'karreggjati paralleli pero` b’velocita` gholja, difficilment izommu ezatt man-nofs tal-karreggjata f’lilwa, b’mod li hemm it-tendenza li wahda jew ohra, jew it-tnejn, jinvadu xi ftit il-karreggjata limitrofa. U jidher li huwa proprju dan li gara. Din id-dinamika hija konfortata wkoll mill-hsarat li kellhom iz-zewg vetturi: dik tal-appellant kellha biss, fi kliem il-perit, “barxa fit-tul izda ftit fonda fuq il-*mudguard* ta’ quddiem tax-xellug” (fol. 47); mentri dik ta’ Falzon, apparti d-daqqa kbira fil-genb tax-xellug dovuta ghall-impatt ma’ l-arblu tad-dawl, kellha wkoll “barxa fuq il-*bumper* ta’ wara mill-ponta tax-xellug lejn in-nofs” (fol. 47 ukoll). Dan jindika, in effetti, li kienet il-vettura tal-appellant li inizjalment dahlet fuq wara tal-vettura l-ohra, ossia laqtitha minn wara. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta’ fatt milhuqa mill-ewwel qorti.

Kwantu ghall-piena, hawn ukoll il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-piena erogata. Huwa veru li kien hemm ukoll in-negligenza kontributorja ta' Falzon – bl-inesperjenza tieghu u l-fatt li anqas kien ghad ghandu licenzja tas-sewqan – izda kieku l-appellant qaghad attent kif suppost ghandu jaghmel kull sewwieq prudenti, l-incident seta’ jigi evitat. Fortunatament il-konsegwenzi ghas-sewwieqa u ghal min kien riekeb maghhom ma kienux daqstant serji daqs kemm kienet il-hsara fil-vettura ta’ Falzon -- il-perit ikkwalifikaha bhala *total loss*.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ l-iskwalifika jibda minn nofs il-lejl u minuta ta’ ghada.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------